Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Novembru 2010, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLM 010/2010. Kiri u installazzjoni ta' dwal fit-toroq tal-Mosta għal żmien il-Milied

Dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Kunsill Lokali tal-Mosta matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, għal prezz ta' €100.00 kull wieħed.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 24th November 2010 for the following:-

Advt. No. KLM 010/2010. Hiring and installation of street lights in various streets of Mosta during the Christmas period.

Tender documents can be obtained against a payment of €100.00 from the Mosta Local Council during office hours.

26th October, 2010

KUNSILL LOKALI
ĦAL GĦARGĦUR

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2010, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur għal:

Kwot. Nru. Q-10/08-24. Armar b'dawl dekorattiv għal toroq għall-Milied 2010.

Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

ĦAL GĦARGĦUR
LOCAL COUNCIL

The Acting Executive Secretary of the Ħal Għargħur Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received at the Ħal Għargħur Local Council office up to noon of Tuesday 9th November 2010 for:

Quot. No. Q-10/08-24. Street lights decorations for Christmas 2010.

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, during office hours.

The Council reserves the right to refuse all quotations even the most advantageous.

26th October, 2010

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, il-25 ta' Novembru 2010 fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. BRS51 - 05/2010. Ġbir ta' skart goff f'Ħal Safi.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' €30 waqt il-ħinijiet normali tal-uffiċċju u jistgħu wkoll jiġu eżaminati fl-istess post mingħajr ħlas.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku dakinhar stess fis-6.00 p.m. u l-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Local Council's Administrative Offices up to noon of Thursday, 25th November 2010 for:-

Advt. No. BRS51 – 05/2010. Collection of bulky refuse at Ħal Safi.

Tender documents can be collected against a payment of €30 from the Administrative Local Council's Office during normal office hours and also viewed at the same place free of charge.

Tenders will be opened in public on the same day at 6.00 p.m. and the Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

26th October, 2010

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Novembru 2010, jintlaqgħu espressjoni ta' interess għal:-

PL(57/10/02). Sejħa għal espressjoni ta' interess: Kiri ta' post għal-Librerija Pubblika.

Il-Kunsill jgħarraf li interessat jikri post fejn se ssir librerija pubblika. Dan il-post irid ikun f'Santa Luċija u

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:-

Expression of interest will be received up to noon of Friday, 19th November 2010, for:-

PL(57/10/02). Call for expression of interest: Hire of premises for Public Library.

The Council notifies that it is interested in hiring premises to set up a public library. The said premises must be in Santa

preferibbilment f'post ċentrali. Il-post irid ikun adekwat għal dan il-għan u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Is-sottomissjonijiet għandhom jinkludi d-dettalji neċessarji tal-post u l-offerta finanzjarja.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon 2166 6600.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

KUNSILL LOKALI MSIDA

Il-Kunsill Lokali Msida jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-15 ta' Novembru 2010, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MLC/T04/10. Servizzi ta' knis ta' toroq wara nofsinhar fl-Imsida.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali 2133 4343.

Il-Kunsill Lokali Msida jżomm id-dritt li jirrifjuta anke dik l-aktar offerta vantaġġuża.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

Luċija and preferably in the central part of the locality. The premises must also be suitable for such a purpose and accessible to persons with special needs.

Submissions must provide the necessary details which are to include the exact location and financial offer.

For further details one can contact the Executive Secretary on the Local Council's telephone number 2166 6600.

26th October, 2010

MSIDA LOCAL COUNCIL

The Msida Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Offices up to noon on Monday, 15th November 2010, for:-

Advt. No. MLC/T04/10. Afternoon street sweeping services at Msida.

A fee of €25 is to be paid upon collection of tender document.

Further details are obtainable from the Executive Secretary on the Local Council's telephone number 2133 4343.

The Msida Local Council is not bound to accept the lowest tender received.

26th October, 2010

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1786

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tal-1 ta' Settembru, 2010 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Marsovin fl-4 ta' Mejju, 2010 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €366.51 depożitati b'ċedola numru 82/2010 fl-ismijiet:

Vodafone Malta Limited vs Sonya Sammut.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'jumejn żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Ottubru, 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 1st September, 2010 given by the Court of Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Guido Vella on the 4th May, 2010 is asking for the withdrawal of the amount of €366.51 deposited by the schedule of deposit number 82/2010 in the names of:

Vodafone Malta Limited vs Sonya Sammut.

The Court ordered the notification of this application with seven days notice for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 22nd October, 2010.

DR NADYA FIOTT
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1787

B'digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru 2010, fl-Atti tar-Rikors tal-Istralċ ta' G.R.T. Co Ltd (OS /161/NT) li qed isir mill-istralċarju Raphael Axiak ippreżentatat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-23 ta' Lulju 2010, ir-rikorrenti Avv. Noel Camilleri għan-nom u fl-interess ta' Giovanni Taverna espona bir-rispett:

1.Illi r-rikorrent nomine hu l-amministratur tas-soċjetà Taljana In Progress S.r.l u għandhu sehem ta' għaxra fil-mija (10%) f'din is-soċjetà. Id-disgħin fil-mija (90%) l-ieħor huwa tal-kumpannija Maltija G.&R.T. Company Limited.

2. Illi meta ġiet stralċjata l-imsemmija soċjeta G.&R.T. Company Limited din kienet għada fil-pussess tas-sehem surrefrit u għalhekk il-membru bl-akbar sehem tas-soċjetà Taljana hawn fuq imsemmija għada s'issa G &R.T. Company Limited.

3. Illi għalhekk hemm bżonn illi s-sehem li għandha l-kumpannija stralċjata f'In Progress Limited jigi trasferit sabiex tkun tista' tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni ta' din is-soċjetà tal-aħħar.

Għaldaqstant jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġohba tordna;

1.is-sospensjoni tal-proċess kollu tal-istralċ u tiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija għandu jitħassar għaż-żmien u l-kundizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha opportuni skont l-Artikolu 257(2) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex is-sehem illi l-kumpannija għandha f'In Progress S.r.L. jiġi trasferit u

2. fil-każ illi dan l-ordni jsir, li tinbagħat kopja tad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, skont l-Artikolu 275 (3) tal-Att Dwar il-Kumpanniji.

Rik: 12 A, Triq Verdala Cospicua, BML, 1350.

Notifika: 1.Raphael Axiak,
111/6, Triq San Luċija, Valletta.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili

Imħallef

L-Onor. Albert J. Magri, LL.D.

Fl-atti tal-istralċ ta' G.R.T. Company Limited (OS/161/NT) li qed isir mill-istralċarju Raphael Axiak.

By means of a decree given on the 18th October 2010, in the Records of the Application in the records of the Application for the Winding Up of G.R.T. Co Ltd (OS/161/NT) which is being made by the liquidator Raphael Axiak, filed, in the First Hall Civil Court, on the 23rd July 2010, Adv. Noel Camilleri in the name and interest of Giovanni Taverna pleaded with respect:

1. That the applicant nomine is the administrator of the Italian company In Progress S.r.L. and has a share of ten per cent (10)% in this company . The other ninety per cent (90%) is of the Maltese company G.&R.T. Company Limited.

2. That when the said company G.& R.T. Company Limited was wound up, it was still in the possession of the above mentioned share and thus the member with the larger share of the Italian company above mentioned is still G.&R. T. Company Limited.

3. That thus it is necessary that the share which the liquidated company has in In Progress Limited be transferred so that the position of the latter company be regularised.

Thus humbly prays this Honourable Court to order;

1. the suspension of all the process of winding up and put off the date when the name of the company is to be cancelled for the time and conditions the Court deems opportune according to Article 257(2) of the Companies Act (Cap. 386 of the Laws of Malta) so that the share that the company has In Progress S.r.l. be transferred and

2. in case that this order is made, that a copy of the decision of this Honourable Court is sent to the Registrar of Companies, according to Article 275(3) of the Companies Act.

Applicant: 12 A, Triq Verdala Cospicua, BML, 1350.

Notify: 1. Raphael Axiak,
111/6 Triq San Luċija, Valletta.

In The First Hall Civil Court

Judge

Hon. Albert J. Magri LL.D.

In the records of the Winding up of G.R.T. Company Limited (OS/161/NT)which is being made by the liquidator Raphael Axiak.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna n-notifika lill-istralċarju Raphael Axiak b'erbat ijiem għar-risposta.

Illum 26 ta' Lulju 2010.

Rose Marie Vella
Deputat Reġistratur.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court,

Saw the Application,

Orders that the liquidator Raphael Axiak, be notified,who shall have four days to file a reply.

Today 26th July 2010.

Rose Marie Vella
Deputy Registrar.

Registry of the Superior Courts, today 22nd October 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1788

B'digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2010, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Michael Degiorgio (KI 407775 (M)) Rikors Numru 619/10 AL, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal- intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Michael Degiorgio (KI 407775 (M)) fis-17 ta' Ġunju 2010, is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta plc talbet il-konvenut, jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1) tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi privati msemmija fir-rikors u tikkundanna lil Michael Degiorgio, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€141,682.98) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Michael Degiorgio, mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-15 ta' April 2010, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut ...omissis... inġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Xhieda.

Elenku ta' dokumenti esebiti.

Soċjetà Attriċi: Bank of Valletta plc (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190.

Konvenut: Michael Degiorgio,
25/1, Triq San Mikiel, Senglea.

By means of a decree given on the 12th October 2010, in the Records of the Sworn Application, in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Michael Degiorgio (ID 407775 (M)) Application Number 619/10 AL, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Michael Degiorgio (ID 407775 (M)) on the17th June 2010, the applicant company Bank of Valletta plc asked the defendant to state why this Court should not:

1) declare and decide that there occurred one or more events mentioned in the private writings mentioned in the application and condemn Michael Degiorgio, to pay the plaintiff company, the sum of one hundred forty-one thousand six hundred and eighty-two Euro and ninety-eight cents (€141,682.98) balance of debt in the 'Loan Account' of Michael Degiorgio, with the Bank of Valletta plc together with further interest, from the 15th April 2010, till the date of effective payment.

With costs, against the defendant ...omissis... summoned so that a reference to his evidence be made.

Witnesses.

List of documents exhibited.

Applicant company: Bank of Valletta plc (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190.

Respondent: Michael Degiorgio,
25/1, Triq San Mikiel, Senglea.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Degiorgio Michael, Rikors Numru 619/10 AL, jinsab differit għat-8 ta' Frar 2011, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Degiorgio Michael, Application Number 619/10 AL, has been put off to the 8th February 2011, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd October 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1789

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Settembru 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 6474/09, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Charles Debattista et, ordnat is-segwenti pubblikjazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Charles Debattista ta' La Poinsette, Mdina Road, Balzan u Francesco Debattista, fl-20 ta' Novembru 2009 Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt illi tagħmel riferenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-3 ta' Awwissu 2009 fi Triq l-Imrieħel, Birkirkara, illi fih int Francesco Debattista kont involut bil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBA 931, minnek Charels Debattista assigurata mal-mittenti, u għall-fatt illi intom qegħdin tirrifjutaw illi taċċettaw ir-responsabbiltà għall-akkadut, tinformakom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi, stante illi jidher kjarament illi inti Francesco Debattista kont taħti għall-inċident de quo, hija fiħsiebha tħallas lit-terzi involuti ġa msemmija l-ammont ta' danni minnhom reklamat.

Il-mittenti tinformak illi f'każ illi intom topponu tali pagament, hija xorta waħda jista' jkollha teffettwa l-pagament skont il-Liġi (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tagħkom b'kawża għall-ħlas tal-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha, u l-interessi, li hija tista' tiġi kkundannata li tħallas għan-nom tagħkom.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, u senjatament tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 20th September 2010, in the records of the judicial letter number 6474/09, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Charles Debattista et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Charles Debattista of La Poinsette, Mdina Road, Balzan and Francesco Debattista, on the 20th November 2009, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occured on the 3rd August 2009 in Triq l-Imrieħel, Birkirkara, where you Francesco Debattista were involved with the vehicle registration number EBA 931, insured by you Charles Debattista with the interpellant, and to the fact that you are refusing to accept the responsability of the occured, informs you for all purposes and intents of Law, that as it is clear that you Francesco Debattista were to blame for what happened, it intends to pay all the damages claimed by third parties when the relative documents and reciepts are presented.

The interpellant informs you that if you oppose such payment, it shall still have to effect such payment according to Law (Cap. 104 of the Laws of Malta) and after it shall proceed against you by means of a law suit for the payment of all the legal and judicial costs, and the interest, that it has to pay on your behalf.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of Law, and especially Cap. 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interests.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 25th October 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1790

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' Ottubru 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fil-15 ta' Lulju 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Louise Bellina (KI 119278 (M)) ta' 9, Triq il-Vitorja, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €836.91 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1209/10GM) hija differita għad-29 ta' Novembru 2010 fis-12.45 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 4th October 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 15th July 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Louise Bellina (ID 119278 (M)) of 9, Triq il-Vitorja, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €836.91 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1209/10GM) is put off on the 29th November 2010 at 12.45 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th October 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1791

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Jannar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Bernardette Xuereb (KI 521286 (M)) ta' 132, Flat 7, Triq il-Vitorja, l-Isla, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €453.58 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 24/10YMS) hija differita għad-9 ta' Novembru 2010 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 7th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 14th January 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Bernardette Xuereb (ID 521286 (M)) of 132, Flat 7, Triq il-Vitorja, L-Isla, to pay the plaintiff company the sum of €453.58 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 24/10YMS) is put off on the 9th November 2010 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th October 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1792

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-24 ta' Settembru 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Francis Cremona (KI 287184 (M)) ta' 171, Flat 8, Triq San Duminku, Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,134.29 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 555/10YMS) hija differita għad-9 ta' Novembru 2010 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 24th September 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 29th April 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Francis Cremona (ID 287184 (M)) of 171, Flat 8, Triq San Duminku, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €1,134.29 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 555/10YMS) is put off on the 9th November 2010 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th October 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1793

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2010, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-15 ta' Ottubru, 2010 fuq rikors ta' Paul Farrugia et, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Novembru, 2010 fl-10.30 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fondi hawn taħt deskritt.

Il-flat internament immarkat bin-numru wieħed (1), fil-blokka ta' flats li jisimha 'Excerlsior Flats', bin-numru tlieta (3), fi Triq l-Imrabat, Sliema, flimkien mal-istorage space tiegħu taħt it-taraġ komuni, u flimkien mad-drittijiet l-oħra miżmuma in komun mas-sidien tal-appartamenti l-oħra fl-istess blokka ta' appartamenti, inklużi l-bieb ta' barra, entratura, taraġ, landings, tromba tat-taraġ, u l-bejt, esklużi però l-washroom u l-bejt ta' quddiem li l-proprjetarju esklussiv tagħhom huwa l-proprjetaru tal-flat bin-numru tnejn (2), liberu u franka minn ċnus u piżijiet oħra, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €80,000.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Anthony Cutajar (KI 300183 (M)) u Daniel David Guiney (KI 13320 (A)).

It is hereby notified that by a decree of the 3rd June 2010 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15th October, 2010 on the application of Paul Farrugia et, Thursday, 18th November, 2010 at 10.30 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

The flat numbered one (1), in the block of flats named 'Excerlsior Flats', numbered three (3), in Imrabat Street, Sliema, together with its storage space under the common stairs, and together with its other rights common also to the owners of the other apartments in the same block of apartments, including the entrance door, the entrance, the stairs, the landings, the stair winding and the roof, excluding the washroom and the front part of the roof, which are owned by the owner of flat number 2, free and unencumbered, with all its rights and enjoyments, valued at €80,000.

The said property belongs to Anthony Cutajar (ID 300183 (M)) u Daniel David Guiney (ID 13320 (A)).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta numru 43/09.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Ottubru 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B The said tenements will be sold as described in the acts of file number 43/09.

Registry of the Superior Courts, this 19th October 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1794

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Ottubru 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Lulju 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ivan Bajada (KI 381275 (M)) ta' 65, Flat 3, Triq it-Torri, Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €839.13 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1206/10VGD) hija differita għall-10 ta' Novembru 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 7th October 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Bank of Valletta p.l.c. (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, filed a Claim on the 14th July 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Ivan Bajada (ID 381275 (M)) of 65, Flat 3, Triq it-Torri, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €839.13 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1206/10VGD) is put off on the 10th November 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th October 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1795

B'digriet mogħti fil-15 ta'Ottubru 2010, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Mario Pickard vs Grace Anderson, Rikors Ġuramentat Numru 1064/08 JRM, il-Qorti tal-Appell, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Mario Pickard, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Ċitazzjoni Numru 1064/08 JRM, Mario Pickard vs Grace Anderson, l-appellanti Grace Anderson (KI 761445 (M)) esponiet bir-rispett:

Illi bir-rikors tiegħu l-attur Mario Pickard wara li ppremetta li;

a) fit-18 ta' Lulju 1996, fil-Mosta saret ħabta bejnu u bejn l-esponenti li kienet issuq vettura proprjetà ta' John Grech (ħuha).

b) hu aċċetta li kien unikament responsabbli għall-ħabta u ħallas id-danni fil-vettura misjuqa mill-esponenti.

By means of a decree given on the 15th October 2010, in the Records of the Sworn Application in the names Mario Pickard vs Grace Anderson, Sworn Application Number 1064/08 JRM, the Court of Appeal, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mario Pickard, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application of Appeal filed in the Court of Appeal, Writ of Summons number 1064/08 JRM, Mario Pickard vs Grace Anderson, the appellant Grace Anderson (ID 761445 (M)) pleaded with respect:

That by means of his application, the plaintiff Mario Pickard after he premised that:

a) on the 18th July 1996, in Mosta, a collision occurred between him and the applicant who was driving a vehicle property of John Grech (her brother).

b) he accepted that he was solely responsible for the collision and payed the damages to the vehicle driven by the applicant.

ċ) l-esponenti f'Diċembru 1996 bagħtitlu ittra uffiċjali fejn interpellatu jħallas id-danni tad-diżabbiltà permanenti li sofriet fil-ħabta.

d) skont speċjalisti mqabbda mill-assikuratur tiegħu dawn sabu li l-esponenti ma tbati minn ebda diżabbiltà riżultanti mill-ħabta imsemmija.

e) huwa jikkontesta l-pretensjonijiet tagħha.

Huwa mexxa b'din il-kawża sabiex hi tressaq il-pretensjonijiet tagħha u fin-nuqqas ikun impedut lilha li taġixxi fuq dawk il-pretensjonijiet.

Illi l-esponenti eċċepiet li t-talba attriċi hija infondata ...omissis... iżda hija intitolata titħallas dawk id-danni li sofriet fil-ħabta imsemmija.

Illi b'sentenza tas-7 ta' Lulju 2010, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, qatgħet il-kawża billi laqgħet it-talba tal-attur u tat lil esponenti erbgħin jum biex tressaq il-pretensjonijiet fil-kawża.

Illi l-esponenti tħossha aggravata b'din is-sentenza u qed tressaq appell minnha quddiem din l-Onor. Qorti.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn.

...omissis...

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli, fl-umli fehma tal-esponenti l-Ewwel Qorti, filwaqt li għamlet analiżi tajba tal-elementi tal-azzjoni ta' jattanza għamlet ġudizzju żbaljat meta applikat dawk l-elementi għall-fatti tal-kawża.

Illi l-Ewwel Qorti qalet a fol.5 tas-Sentenza 'għalkemm jista' jingħad bla dubju li l-attur stqarr il-ħtija tiegħu għall-ħabta, ma kien ressaq qatt xi pretensjoni hu kontra l-imħarrka.'

Illi bir-rispett kollu, min ikollu tort f'inċident–u jammettih –ma hux mistenni li jressaq xi pretensjoni, iżda bil-maqlub il-pretensjoni għad-danni se jagħmilha min sofra danni f'dak l-inċident, jiġifieri l-pretensjoni tal-esponenti kienet reazzjoni diretta għall-fatt li l-attur aċċetta li hu kien responsabbli tal-inċident 'de quo' u d-danni konsegwenzjali.

...omissis...

Illi naturalment għall-għan tal-ġudizzju ta' jattanza, wieħed m'għandux jidħol fil-kwistjoni jekk issa l-azzjoni ta' danni li jmiss lill-esponenti llum hijiex preskritta, jew fil-kwistjoni li llum hemm xi tobba li jgħidu li l-esponenti ma sofriet ebda diżabbiltà bil-maqlub ta' oħrajn.

c) the applicant in December 1996, sent him an official letter whereby she called upon him to pay the damages for the permanent disability she suffered in the collision.

d) according to specialists engaged by his insurer these found that the applicant does not suffer from any disability resulting from the collision mentioned.

e) he contests her claims.

He proceeded with this cause so that she brings forward her claims and in default she be prohibited from acting on those claims.

The applicant pleaded that the plaintiff's demand is unfounded ...omissis... but she is entitled to be paid for those damages she suffered in the collision mentioned.

That by means of a judgement of the 7th July 2010, the First Hall Civil Court, decided the cause by upholding the demand of the plaintiff and gave the applicant forty days to bring forward her claims in the cause.

The applicant feels aggrieved by this judgement and is bring an appeal therefrom before this Hon. Court.

The facts in short were the following.

...omissis...

That the grievance is clear and manifest and consists, in the humble opinion of the applicant, the Court of First Instance which made a good analysis of the elements of the cause of jactitation, made a wrong judgement when it applied those elements to the facts of the cause.

The Court of First Instance stated a fol.5. of the Judgement 'although it can be stated without doubt that the plaintiff declared his guilt for the collision, he never brought forward any claim against the person summoned.'

That with all respect, the person guilty in an accident..... and who admits it, is not expected to bring forward any claim, but on the contrary, the claim for damages is made , by who suffers the damages in that incident, that means the claim of the applicant was a direct reaction to the fact that the plaintiff accepted that he was responsible for the accident 'de quo' and the consequential damages.

...omissis...

That naturally for the purposes of a jactitation suit, one should not enter into the question whether the action for damages due to the applicant today is prescribed, or into the question whether today there are some Doctors who say that the applicant did not suffer any disability, contrary to others.

Hawn li għandna quddiemna hija biss il-kwistjoni jekk il-pretensjoni tal-esponenti hijiex provokata jew spontanea.

Illi ironikament l-esponenti tħoss li ż-żewġ sentenzi msemmija mill-Ewwel Qorti jsostnu t-teżi tagħha.

...omissis...

Fil-każ in eżami jirriżulta li l-pretensjoni tal-konvenuti ġiet provokata mill-aġir unilaterali tal-atturi u l-Qorti hemmhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

...omissis...

Meta l-pretensjoni tal-konvenut ma kenitx spontanea imma provokata u intiża għall-konservazzjoni jew għad-difiża tad-drittijiet li l-konvenut, jippretendi li għandu. 'u għal darba oħra l-Qorti għaddiet biex ċaħdet it-talbiet attriċi, iżda f'dal każ, l-Ewwel Qorti, wara li ċċitat dawn iż-żewġ kawżi għaddiet biex laqgħet it-talbiet tal-attriċi.'

Wieħed jistaqsi f'dan il-każ, il-pretensjoni tal-esponenti mhux ukoll kienet provokata mill-aġir tal-attur – kif intqal f' Tabone-Galea, meta l-attur kien kaġun tal-ħabta u ammetta r-responsabbiltà tiegħu?

....omissis...

Wieħed jifhem li l-attur jista' jkun frustrat billi sallum l-esponenti għadha ma ddeduċietx it-talba tagħha iżda kif intqal fis-sentenza Gauci-Francia (XXXV11 –II-332) ċitata mill-esponenti fit-trazzjoni u anke mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

'Codesto giudizio (di jattanza) e' una eccezione alla regola di diritto comune secondo il quale niuno può essere costretto ad agire, ma libero di farlo quando lo crede'.

Għaldaqshekk l-esponenti, filwaqt li tressaq dan l-appell mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2010, u filwaqt li tagħmel riferenza għall-provi, titlob bil-qima li din l-Qnor. Qorti, jogħġobha tilqa' dan l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Appellanti: 'Carina', Triq Reggie Miller, Gżira.

Appellat: 'Fatima', Triq il-Ħarrub, Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 25 ta' Ottubru 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

What we have before us is only a question, whether the claim of the applicant is provoked or spontaneous.

That ironically the applicant, feels that the two judgements, mentioned by the Court of First Instance uphold her thesis.

...omissis...

In the case in question it results that the claim of the defendants was provkoed by the unilateral action of the plaintiff and the Court there rejected the demands of the plaintiff.

...omissis...

When the claim of the defendant was not spontaneous but provoked and intended for the conservation or the defence of the rights that the defendant pretends to have. 'and once again the Court passed on to deny the plaintiff's demands, but in this case, the Court of First Instance, after citing these two causes went on to uphold the plaintiff's demands'.

One asks in this case, was not the claim of the applicant also provoked by the acts of the plaintiff – as stated in Tabone-Galea, when the plaintiff was guilty of the collision and admitted his responsibility?

...omissis...

One understands that the plaintiff can be frustrated as till today the applicant has not brought forward her claim but as stated in the judgement Gauci-Francia (XXXVII –II -332) mentioned by the applicant in her pleading and even by the Court of First Instance in its judgement.

'Codesto giudizio (di jattanza) e' una eccezione alla regola di diritto comune secondo il quale niuno puo' eserre costretto ad agire, ma libero di farlo quando lo crede'.

Thus the applicant, whilst bringing forward this appeal from the judgement of the 7th May 2010, and whilst refrring to the proof, prays with respect that this Hon. Court, upholds this appeal, cancels the judgement appealed and reject the demands of the plaintiff , with costs, against the plaintiff.

Apellant: 'Carina', Triq Reggie Miller, Gżira.

Respondent: 'Fatima', Triq il-Ħarrub' Msida.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 25th October 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*